



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 10/13
il-Lussemburgo, 5 ta' Frar 2013

Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċelebra l-50 anniversarju mis-sentenza Van Gend en Loos

Ser tinżamm konferenza fit-13 ta' Mejju 2013 fil-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiġi kkommemorata s-sentenza li tistabbilixxi l-prinċipju tal-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni

Fil-5 ta' Frar 1963, il-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza Van Gend en Loos, bħala risposta għal domanda preliminari magħmula minn qorti Olandiża (it-Tariefcommission). Il-kawża prinċipali tressqet mill-impriżza ta' trasport Van Gend en Loos li, meta importat merkanzija mill-Ġermanja lejn il-Pajjiżi l-Baxxi, kellha tkallas dazji doganali li hija qieset li kienu kontra r-regola tat-Trattat KEE li tipprobixxi lill-Istati Membri milli jidu d-dazji doganali fir-relazzjonijiet kummerċjali reċiproċi tagħhom.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea: l-effett dirett.

Fit-13 ta' Mejju 2003, fil-Qorti tal-Ġustizzja ser issir ġurnata ta' riflessjoni, organizzata minn kumitat ippresjedut mill-President ta' Awla A. Tizzano u kompost mill-Avukat Ġenerali J. Kokott u mill-Imħallef S. Prechal, rigward il-kontenut tas-sentenza, il-konsegwenzi tagħha u l-perspettivi ta' din il-ġurisprudenza. Il-konferenza, li tagħha l-lingwi mitkellma ser ikunu l-Franċiż u l-Ingliż, ser tiġib flimkien rappreżentanti tal-professionijiet legali kollha u tad-dinja akademika.

Il-persuni li jixtiequ jipparteċipaw għal dan l-avveniment jistgħu juru l-interess tagħhom mal-Qorti tal-Ġustizzja sat-8 ta' Marzu 2013, billi jimlew il-[formola](#) aċċessibbli fis-sit www.curia.europa.eu, fejn hemm disponibbli wkoll informazzjoni iktar iddettaljata.

Dokument mhux uffiċjal għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355